VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 120, 6 ta' Awwissu, 2013
Taqsima B

A.L. 241 tal-2013

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2013 dwar *Standards* Minimi għal Santwarji tal-Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, fuq il-parir tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2013 dwar *Standards* Minimi għal Santwarji tal-Annimali.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxu *standards* minimi għal santwarji tal-annimali f'Malta.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-2 ta' April 2014.

Tifsiriet.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"annimal" tfisser qtates jew klieb li ma jkunux mixtieqa, kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra;

"annimal li jiġġerra barra" tfisser qattus jew kelb domestiku, li ma jkollux sid jew dar jew ikun barra mill-konfini tal-abitazzjoni domestika tas-sid jew detentur tiegħu u li ma jkunx taħt il-kontroll jew superviżjoni diretta ta' xi sid jew detentur;

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"detentur" tfisser kull persuna li jkollha l-kustodja ta', jew li tkun titma ta' spiss jew li tkun tieħu ħsieb il-qtates u l-klieb; id-detenturi ta' liċenza ta' santwarju jiffurmaw parti minn din il-kategorija;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji u, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, tinkludi lil kull uffiċjal pubbliku awtorizzat mid-Direttur għaldaqshekk bil-miktub għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"organizzazzjoni volontarja" tfisser fondazzjoni, *trust*, assoċċjazzjoni ta' persuni jew organizzazzjoni temporanja li tkun indipendenti u awtonoma u li tkun tikkwalifika taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji;

Kap. 492.

"santwarju tal-annimali" tfisser il-fond ta' organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, inkluża kull abitazzjoni privata fejn ikunu qegħdin jinżammu aktar minn ħames annimali li jiġġerrew barra u li jkollu liċenza biss għal dak l-għan maħruġa mid-Direttur.

Liċenzjar ta' stabbilimenti.

3. (1) Ebda persuna ma tista' timmaniġġa, torganizza, twaqqaf jew tħaddem santwarju jekk ma jkollhiex liċenza.

(2) Kull organizzazzjoni volontarja jew kull persuna li tkun qegħda timmaniġġa santwarju tal-annimali jew ikollha l-intenzjoni li timmaniġġa santwarju tal-annimali għandha tapplika għand id-Direttur għal liċenza.

(3) Applikazzjoni għal liċenza, kif stabbilita fil-formola elenkata fl-Iskeda I, għandha tintbgħat lid-Direttur minn tal-inqas xahrejn qabel il-ftuħ maħsub tas-santwarju jew, fil-każ ta' santwarju li jkun diġà jeżisti, fi żmien mill-inqas xahrejn qabel ma dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ. Din l-applikazzjoni għandha tiġi approvata mill-kirurgu veterinarju nominat responsabbli għas-santwarju li għandu jiffirma u jittimbra s-sezzjoni 4 tal-applikazzjoni li tinsab fl-Iskeda I.

(4) (a) Id-Direttur għandu jagħmel spezzjoni tas-santwarju biex jistabbilixxi jekk il-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkunux qegħdin jiġu segwiti.

(b) Jekk dawn il-kondizzjonijiet ikunu ntlaħqu, id-Direttur għandu joħroġ liċenza għal din l-attività, iżda mod ieħor id-Direttur għandu jistabbilixxi il-miżuri neċessarji. Id-Direttur għandu fl-istess ħin jissopendi jew jipprojbixxi l-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu tas-santwarju u għalhekk iżomm minnufih il-liċenza relatata ma' dik l-attività.

(5) Il-liċenza jew kopja ta' din il-liċenza għandha tiġi murija f'post prominenti fil-fond.

(6) Il-liċenzji għandhom jiġu mġedda kull sena wara li ssir spezzjoni mid-Direttur.

(7) Kull tibdil li jsir lill-istruttura għandu jiġi dikjarat lid-Direttur qabel ma jseħħ dak it-tibdil. Id-Direttur għandu jiddetermina jekk dak il-tibdil fl-istruttura għandux jiġi aċċettat jew le. Jekk it-tibdil jiġi aċċettat, l-istabbiliment għandhom isirulu l-

modifikazzjonijiet kollha neċessarji għal-liċenza eżistenti tiegħu.

(8) L-ispeċi tal-annimali awtorizzati li jinżammu fis-santwarju għandhom ikunu dawk speċifikati fil-liċenza.

Liċenzjar tal-persunal.

4. (1) Kull persuna li timmaniġġja santwarju tal-annimali għandu jkollha l-kwalifiki kollha rilevanti kif ikunu aċċettati mid-Direttur.

(2) Il-liċenzi għandhom joħorġu biss lill-persuni ta' kondotta tajba u persuni li qatt ma jkunu nstabu ħatja ta' xi krudeltà fuq l-annimali taħt l-Att jew ta' xi reat ieħor relatat mal-ordni pubbliku li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien li jeċċedi s-sitt xhur.

(3) Id-Direttur m'għandux jaċċetta applikazzjoni għal liċenza minn persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena u ebda liċenza m'għandha tinħareġ jew tingħata lil dik il-persuna.

(4) Id-detentur tal-liċenza għandu jiżgura li l-impjegati u l-voluntiera li jkunu jaħdmu fis-santwarju jkollhom għarfien u esperjenza suffiċjenti tal-ispeċi tal-annimali fis-santwarju biex jiżgura s-saħħa u t-trattament xieraq tagħhom.

Reġistru tal-annimali.

5. (1) Għandu jinżamm reġistru tal-annimali kollha fis-santwarju, u għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-persuna li tkun qed tirreġistra l-annimal;

(b) id-data meta jkun wasal l-annimal;

(ċ) is-sors (li għandu jinkludi id-dettalji kollha jekk l-annimal kienx ġie maqbud, mogħti b'rigal, trasferit, jew ikkunsinnat;

(d) deskrizzjoni tal-annimal, inkluż il-kulur u s-sess tiegħu;

(e) l-istat ta' saħħa meta jkun qed jiġi reġistrat, li għandu jinkludi d-dettalji kollha tat-tilqim u sterilizzar, jekk dawn ikunu rilevanti;

(f) dettalji ta' tilqim u sterilizzar (jekk dawn ma jkunux ġew reġistrati mad-dħul fis-santwarju);

(g) in-numru tal-*microchip*, jekk dan ikun rilevanti;

(h) l-isem tal-annimal, jekk dan ikun relevanti;

(i) in-numru tal-liċenza tal-kelb jew tal-qattus (*pet*

licence), jekk dawn ikun rilevanti.

(2) Mal-adozzjoni jew trasferiment ta' xi annimal minn jew lil xi sid jew detentur ieħor, għandha tiġi reġistrata din l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data tal-addozzjoni jew tat-trasferiment;

(b) l-isem, l-indirizz u n-numru tal-karta tal-identità tas-sid il-ġdid;

(ċ) in-numru tal-*microchip* tal-annimal;

(d) l-istat apparenti tas-saħħa u dettalji oħra reġistrati tal-annimal.

(3) L-annimali li jħallu l-istabbiliment għandhom jiġu identifikati b'mod permanenti u għandhom jkollhom magħhom dokument li jkollu l-isem u l-indirizz tas-santwarju tal-annimali, kif ukoll l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tal-*microchip* tal-annimal;

(b) l-istat ta' saħħa u d-dettalji ta' tilqim tal-annimal, jekk dawn ikunu rilevanti; u

(ċ) l-isem tal-annimal, jekk dan ikun rilevanti.

(4) Kull tibdil tas-sid mal-adozzjoni jew fit-trasferiment tal-annimal għandu jiġi notifikat lid-Direttur mis-santwarju fi żmien sebat ijiem.

(5) Kull reġistrazzjoni tat-twelid jew ta' mewt għanda tibqa' tinżamm f'kull ħin.

(6) Kull reġistrazzjoni għanda tibqa' tinżamm għal perjodu minimu ta' tliet snin u għanda tkun għad-dispożizzjoni tad-Direttur waqt xi spezzjoni jew meta jkun meħtieġ mod ieħor.

Proċeduri ta' ammissjoni.

6. (1) Ma jistgħu jinżammu ebda speċi oħra ta' annimali ħlief dawk speċifikati fil-liċenza.

(2) (a) L-annimali għandhom jitqegħdu f'akkomodazzjoni ta' iżolament għal mill-inqas sebat ijiem biex is-sidien ikunu jistgħu biex jerġgħu jieħdu l-annimal lura, jew biex l-annimali isirilhom eżami kliniku veterinarju u jingħataw kura jekk dan ikun rilevanti.

(b) Meta jgħaddu s-sebat ijiem tal-perjodu ta' iżolament u, jekk l-annimal ikun ħieles minn mard infettuż jew

kontaġjuż, l-annimal jista' jiġi trasferit għal ġo l-akkomodazzjoni prinċipali.

(3) Dawk l-annimali li jkunu meqjusa f'saħħithom u tajbin biex jidħlu fl-akkomodazzjoni prinċipali għandhom jiġu *microchipped*, jitniżżlu fir-reġistru u reġistrati mad-Direttur.

(4) Qtates li jkollhom aktar minn tliet xhur u klieb li jkollhom aktar minn erba' xhur għandhom jiġu sterilizzati fi żmien sitt ġimgħat mid-data li jiddaħlu fis-santwarju u qabel ma jiġu adotati. Jekk jiġu adotati qabel ma jiġu sterilizzati, is-santwarju għandu jagħmel arranġamenti mas-sid il-ġdid biex jiżgura li l-annimal ikun sterilizzat qabel ma jkollu sitt xhur.

Akkomodazzjoni u tagħmir.

7. (1) L-annimali għandhom jinżammu f'kull ħin f'akkomodazzjoni adatta għall-ispeċi tagħhom fir-rigward ta' kostruzzjoni, qjies, temperatura, dawl, ventilazzjoni u ndafa. L-akkomodazzjoni kollha għandha tinżamm f'kondizzjoni tajba.

(2) L-ispeċifikazzjoni dettaljata obbligatorja għal kull magħlaq tal-annimali għall-akkomodazzjoni prinċipali u ta' iżolament huma elenkati fl-Iskeda II għall-qtates u fl-Iskeda III għal klieb.

(3) Kull magħlaq għandu jiġi kostruwit b'mod illi jiġi evitat il-ħrib tal-annimali. Għandu jkun hemm disponibbli fl-istabbiliment tagħmir addat biex jinqabu dawk l-annimali li jkunu ħarbu.

(4) Kull magħlaq għandu jkun mibni b'mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jiġu mweġġa', feruti jew ivvelenati. Kull magħlaq bħal dak għandu jkun kostruwit minn materjal li ma jnixxix jew inkella jiġi trattat adegwatament, b'mod partikolari:

(a) l-injam kollu ta' barra għandu jkun lixx u ittrattat kontra s-susa u għandhom jintużaw biss prodotti li ma jkunux tossiċi;

(b) l-uċuħ interjuri li jintużaw fil-bini tal-ħitan, artijiet, ħitan diviżorji, bibien u ċaċċis għandhom ikunu b'saħħithom, lixxi u ta' materjal li ma jnixxix. M'għandu jkun hemm ebda truf li jkunu ħerġin 'il barra jew truf li jkunu ħarxa li jistgħu jikkawżaw dannu lill-annimali;

(ċ) il-materjal għaċ-ċnut għandu jkun sigur u bla periklu.

(5) Kull magħlaq tal-annimali għandu jkunu mibni b'mod li jkunu jistgħu faċilment jsiru kontrolli fuqu. Fil-każ ta' diversi

mgħalaq għall-qtates fuq xulxin, kull magħlaq ta' fuq għandu jitqiegħed b'mod li l-art tal-magħlaq ta' fuq tkun tidher faċilment.

(6) Kull magħlaq għandu jkun jagħti għal żoni sikuri biex jiġi evitat il-ħrib tal-annimali. Fiż-żoni ta' akkomodazzjoni għall-qtates, għandu jkun hemm bibien doppji.

(7) Tagħmir li jkun imqiegħed fil-magħlaq tal-annimal għandu jkun adatt għall-ispeċi tal-annimal.

(8) Matul il-ġurnata, għandu jiġi provdut id-dawl fiż-żoni tal-eżerċizzju u tal-irqad kollha biex il-partijiet kollha ikunu jidhru faċilment. Sa fejn ikun prattikabbli, dan għandu jkun dawl naturali.

(9) Għandha tiġi provduta ventilazzjoni fl-inħawi kollha interni mingħajr ma jinħoloq kurrent eċċessiv u lokalizzat fil-qasam tal-irqad.

(10) Kull ċirkwit u tagħmir tal-elettriku għandu jinżamm hekk li l-annimali ma jiġux feruti jew mweġġa'.

(11) Għandhom jiġu provduti faċilitajiet fis-santwarju biex jiġu iżolati annimali morda jew feruti.

(12) Għandu jiġi provdut sink bi provvista kontinwa ta' ilma sħun flimkien ma' kull sink għall-ħasil tal-idejn.

Densità ta' akkomodazzjoni

8. (1) L-għola għadd ta' annimali li għandhom ikunu miżmuma fis-santwarju tal-annimali għandu jiġi stabbilit mill-akkomodazzjoni disponibbli u skond *standards* imsemmija:

(a) fl-Iskeda II għall-akkomodazzjoni tal-qtates; u

(b) fl-Iskeda III għall-akkomodazzjoni tal-klieb.

(2) Meta jiddaħħlu l-annimali għandhom jitpoġġew wieħed wieħed fil-magħlaq fiż-żona ta' iżolament. Jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għal annimali li jkunu nqabdu u li ma' jkunux juru xi attitudni aggressiva lejn xulxin, u annimali li jkunu nġiebu flimkien mill-istess wild flimkien jew mingħajr l-omm, jew annimali li jkunu għexu flimkien fi grupp.

(3) Akkomodazzjoni fi gruppi għandha tiġi ristretta għal ħamest iklieb u tnax-il qattus adult.

Saħħa.

9. (1) Għandha tittieħed kull prekawzjoni raġonevoli biex jiġu evitati l-epidemiji u t-tixrid ta' mard. Ebda annimal m'għandu jitqiegħed fl-akkomodazzjoni prinċipali jekk dan ikun isofri minn xi

marda kontaġjuża jew ikun suspettat li seta' ġie f'kuntatt ma' xi annimal ieħor li jkun isofri minn xi marda kontaġjuża, u li jkun infettat bil-parassiti.

(2) Kull magħlaq tal-annimali għandu jiġi mnaddaf darbtejn kuljum biex jinżammu *standards* ta' iġjene tajba.

(3) Jekk annimal jitlibbisx kullar għandu jkun fid-diskrezzjoni tad-detentur tiegħu. Għandu jiġi għalkollox evitat kull tagħfis mill-ilbis ta' kullar.

(4) Kull annimal li jkollu xi marda żonotika għandu jingħata l-kura meħtieġa. Meta l-kura ma' tkunx vijabbli, l-annimal għandu jiġi mraqqad skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att.

(5) Annimali morda jew feruti għandhom jirċievu trattament adatt u kura immedjata.

(6) Fl-istabbiliment għandha tinżamm kaxxa tal-ewwel għajnuna għall-annimali li għandha tkun mgħammra sew f'kull ħin. Għandu jinkiseb parir mill-veterinarji dwar x'għandu jkun fiha dik il-kaxxa.

(7) Tagħmir provdut għall-użu tal-bniedem għandu jiġi maħżun u mnaddaf separatament minn tagħmir għall-annimali.

(8) Il-kontenituri tal-ikel u l-ilma għandhom jiġu provduti u għandhom ikunu mnaddfa u diżinfettati wara kull ikla. Kull fdal tal-ikel għandu jiġi mwarrab u mormi.

(9) Ħmieġ u friex maħmuġ tal-annimali għandhom ikunu miġbura u maħżuna 'il bogħod mid-dawl dirett tax-xemx, f'kontenituri li ma jnixxux u li jingħalqu sew sakemm ma jkunx hemm xi mezz ta' rimi ieħor.

(10) Għandu jiġi mneħħi kull ħmieġ u friex maħmuġ tal-annimali mis-santwarju minn tal-inqas darba fil-ġimgħa. Materjal bħal dan għandu jiġi mormi b'mod li jkun konformi ma' dawk il-liġijiet li jkunu fis-seħħ.

(11) Għandu jiġi provdut friex addat li jippermetti lill-annimali jkunu komdi u li jkun jista' jiġi faċilment imnaddaf u diżinfettat sew. Il-friex għandu jiġi eżaminat ta' kuljum u jinżam nadif, ħieles mill-parassiti u xott.

(12) L-annimali għandhom ikunu rċevew trattament xieraq kontra l-parassiti esterni u interni dak in-nhar li jidħlu fl-akkomodazzjoni ta' iżolament.

(13) L-annimali għandhom ikunu mlaqqma mill-inqas sebat ijiem qabel l-adozzjoni. It-tilqim għandu jkun kontra l-mard stabbilit mill-veterinarju.

(14) Il-veterinarju għandu jiċċertifika li t-tilqim sipulat fis-subregolament (13) ikun qiegħed jingħata. Din iċ-ċertifikazzjoni li fuqha għandu jkun reġistrat in-numru ta' identifikazzjoni tal-annimal, għandha tibqa' fis-santwarju tal-annimali sakemm l-annimal ikun għadu hemm. Mal-adozzjoni, dan iċ-ċertifikat għandu jiġi provdut lill-persuna li tkun adottat l-annimal u għandu jinkludi n-numru tal-*microchip* tal-annimal.

(15) Għandhom jinżammu reġistrazzjonijiet tal-pestiċida użati fis-santwarju, inklużi d-dati ta' meta dawn ikunu ġew applikati. Il-mod kif jiġi applikat il-pestiċida għandu jkun tali li ma' jweġġax jew ma jferix lill-annimali miżmuma fis-santwarju.

Ikel u ilma.

10. (1) Għandhom ikun provduti faċilitajiet għall-preparament u l-ħażna tal-ikel f'qasam separat mill-mgħalaq tal-annimali. L-ikel tal-annimali għandu jiġi maħżun f'kontenituri markati b'tikketta u li ma jnixxux.

(2) L-annimali għandhom jingħataw ammonti biżżejjed ta' ikel adatti għall-bżonnijiet individwali. Għandu jkun hemm disponibbli ilma nadif f'kull ħin u dan għandu jinbidel kuljum.

(3) L-ikel m'għandux ikun miżmum għal perjodu eċċessiv fil-magħlaq biex jiġu evitati l-irwejjaħ, l-ġrieden u l-insetti noċivi.

Spezzjonijiet.

11. (1) L-annimali għandhom jiġi spezzjonati mill-persunal f'intervalli regolari u tal-inqas darbtejn kuljum.

(2) (a) Għandu jkun hemm persuna kompetenti f'kull ħin biex jissorvelja l-annimali u jiġu trattati każi ta' emerġenza kull meta l-annimali jkunu jinsabu fis-santwarju.

(b) Jekk il-kontroll ta' erbgħa u għoxrin siegħa ma jkunx jista' jiġi garantit, għandu jkun hemm proċeduri alternattivi u għas-sodisfazzjon tad-Direttur.

(3) Kull magħlaq għandu jkun immarkat b'mod ċar u l-informazzjoni fuq l-annimali li jokkupaw dak il-magħlaq għandha titqiegħed f'post prominenti u tkun tinkludi:

(a) l-isem, ir-razza u l-età bejn wieħed u ieħor tal-annimal;

(b) id-data tal-wasla tal-annimal;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) l-istat u l-kondizzjoni ta' saħħa, u ħtiġiet ta' medikazzjoni, jekk dawn ikunu rilevanti;

(d) in-numru tal-*microchip* jew in-numru tal-I.D. fejn dawn ikunu japplikaw.

Prekawzjonijiet ta' emerġenza.

12. (1) Għandu jkun hemm proċeduri miktuba u prekawzjonijiet ta' emerġenza li jkunu magħrufin mill-persunal kollu, inklużi l-arranġamenti għal evakwazzjoni tal-annimali.

(2) Kull post ta' dħul u ta' ħruġ għandu jkun ħieles minn kull ostruzzjoni f'kull waqt.

(3) Għandu jkun hemm tagħmir xieraq għat-tifi tan-nar, filwaqt li tingħata manutenzjoni regolari kif meħtieġ minn persuna kompetenti, u dak it-tagħmir għandu jitqiegħed f'post kif meħtieġ minn regolamenti speċifiċi f'dan ir-rigward.

(4) In-numri tat-telefon ta' emerġenza ta' aġenziji ta' protezzjoni ċivili u veterinarji għadhom ikunu esposti f'post promminenti fid-daħla għas-santwarju kif ukoll fiż-żona ta' dħul u reġistrazzjoni.

B 2934

Skeda I

Regolament 3(3)

Applikazzjoni għal liċenza għal Santwarji tal-Annimali
għal Qtates u Klieb

Il-formola tal-applikazzjoni għandha timtela b'mod li jinqara sew u ċar.

Għandha tiġi annessa kopja oriġinali tal-pjanta tas-santwarju tal-annimali.

L-informazzjoni f'din l-applikazzjoni hija ta' dominju pubbliku.

L-applikazzjoni flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa għandha tiġi mibgħuta lil:

Id-Direttur,
Taqsima tar-Regolament tal-Agrikoltura u s-Sajd
Pjazza tal-Biċċerija,
Albertown
Marsa, MRS 1123.

Dettalji tas-santwarju tal-annimali

Isem tas-santwarju tal-annimali: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon: .....
Numru ta' referenza tal-MEPA: .....

Is-santwarju tal-annimali ser ikun mmaniġġjat minn organizzazzjoni volontarja / persuna privata

(*ħassar kif meħtieġ*) ☐ Iva ☐ Le

Dettalji tal-persuna li timmaniġġja s-santwarju - Detentur tal-liċenza

Isem: .....
Kunjom: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon / ċellulari: .....
Numru tal-I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki / Esperjenza: .....

Persunal (i) Persuna responsabbli għall-kura ta' kuljum tal-annimali

Kunjom: .....
Isem: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon/ċellulari: .....
Numru ta' I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki/ Esperjenza: .....

(ii) Persunal iehor
(*Din il-parti għandha timtela għal kull membru tal-persunal kemm impjegati u kemm volontarji*)

Isem: .....
Kunjom: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon/ċellulari: .....
Numru ta' I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki/ Esperjenza: .....

Impjegati ☐ Volontarji ☐
(*immarka kif meħtieġ*)

Isem: .....
Kunjom: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon/ċellulari: .....
Numru ta' I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki/ Esperjenza: .....

Impjegati ☐ Volontarji ☐
(*immarka kif meħtieġ*)

B 2936

Kirurgu veterinarju responsabbli għas-santwarju

Isem: .....
Kunjom: .....
Indirizz: .....
.....
Numru tat-telefon / ċellulari: .....
Numru tal-*warrant*: .....
Firma u Timbru tal-Veterinarju liċenzjat: .....

5. Annimali

Speċi u għadd ta' annimali maħsuba li ser jiġu milqugħa fis-santwarju

Speċi ta' annimali	Għadd ta' annimali

Faċilitajiet / proċeduri ta' emerġenza

Tagħmir tan-nar disponibbli: .....
.....
.....
.....

Deskrizzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza .....
.....
.....
.....

Jiena/aħna qiegħed/qegħdin hawnhekk niċċertifika/w li skont dak li naf/u u hu tal-fehma tiegħi / tagħna, id-dettalji msemmija hawn qabel huma veri.

Datat illum, ... ix-xahar ta' ....., tal-20.....

(*firmat*) .....

Wara li timtela l-formola tal-applikazzjoni, issegwi spezzjoni magħmula mid-Direttur jew minn rappreżentant awtorizzat biex jispezzjona l-fond qabel ma

tingħata xi liċenza.

Skeda B

Regolamenti 7(2) u 8(1)

Speċifikazzjonijiet tal-Magħlaq għal Qtates

Magħlaq - ġenerali

(1) Kull magħlaq fl-akkomodazzjoni prinċipali u l-parti ta' iżolament għandu jkollha qasam għal irqad u qasam li tmiss miegħu għall-eżerċizzju, li tkun esklussiva għal dak il-magħlaq.

(2) Bejn il-magħlaq għandu jkun hemm spazju ta' 0.65 metri jew ħajt diviżorju ta' għoli massimu tal-għatis.

(3) Il-magħlaq għandu jkollhom għoli intern ta' mill-inqas 2m biex jippermettu l-aċċess tal-persunal għat-tindif.

(4) Il-magħlaq għandu jkollhom kaxxa fejn l-annimal iħammeg (*litter tray*) li għanda tiġi mnaddfa kuljum. L-għadd ta' kaxex fejn iħammeġ l-annimal u l-frekwenza tat-tindif għandhom ikunu jiddependu mill-għadd ta' qtates f'dak il-qasam.

(5) Il-qiegħan tal-magħlaq għandhom jippermettu għal qlib ta' minn 0.5 sa 1 għal kull 80 li jagħti għal kanal baxx tad-drenaġġ jew kanal fond li jkun mgħotti. Il-qiegħan għandhom ikunu magħmulin b'mod li jkunu jistgħu jitnaddfu faċilment, filwaqt li jippermettu li l-qtates jimxu u jiġru sew u sodi mingħajr ma' jweġġgħu.

(6) Il-magħlaq għandhom ikunu jinfetħu fuq kuriduri sikuri jew oqsma oħra sikuri biex il-qtates ma jkunux jistgħu jaħarbu mill-fond.

(7) Meta tintuża xibka tal-wajer galvanizzat biex jinbnew il-magħlaq, id-diajametru tal-wajer m'għandux jkun inqas minn 1.60mm, eskluż kull tip ta' kisi u ix-xibka m'għandiex tkun teċċedi il-2.5ċm kull naħa.

(8) Kull qasam li l-qtates ikollhom aċċess liberu għalih għandu jkun imsaqqaf b'mod solidu.

(9) Il-magħlaq għandhom ikunu provduti b'lasti għas-sinn tad-dwiefer.

(10) Kull bieb għad-dħul għandu jkun jista' jissakkar.

Qasam għall-irqad

(11) Il-qasam għall-irqad għandu ta' l-inqas ikun 0.85 metru kwadru għal kull qattus flimkien ma' 0.2 metru kwadru għal kull qattus supplimentari.

(12) L-għoli tal-qasam għall-irqad għandu jkun tal-inqas 0.91m f'santwarji eżistenti u ta' 1.22m f'santwarji li jkunu nbnew ġodda.

(13) Il-qasam għall-irqad għandu jkun fih bieb għal-qtates (*cat flap*) biex jippermetti dħul faċli għall-qasam tal-eżerċizzju u biex jevita t-telf ta' sħana f'temp kiesaħ. Fil-magħlaq fejn ikun hemm oqsma ta' l-irqad fuq xulxin, għandha tiġi provduta rampa biex tippermetti aċċess faċli għall-qasam tal-eżerċizzju.

(14) It-temperatura fl-oqsma ta' l-irqad m'għandhiex tkun ta' inqas minn 10°ċ jew ta' aktar minn 30°ċ. Għandu jkun hemm apparat f'kull magħlaq biex jaqra t-temperatura. F'każ li jkun hemm ċans li t-temperatura tinżel jew titla' aktar mil-livelli stabbiliti, għandu jkun hemm mezzi biex jew isaħħnu jew ikessħu l-magħlaq.

Qasam għall-eżerċizzju

(15) Il-qasam għall-eżerċizzju għandu jkollu spazju tal-inqas ta' 1.7 metru kwadru għal kull qattus waħdu flimkien ma' 0.5 metru kwadru għal kull qattus ieħor.

(16) Il-qasam għall-eżerċizzju m'għandhomx jintużaw bħala oqsma għall-irqad.

(17) Oqsma komuni għall-eżerċizzju ħlief oqsma għall-eżerċizzju f'akkomodazzjonijiet fi gruppi, m'humiex permessi. Jekk dawn ikunu jeżistu, dawn għandhom jiġu eliminati bil-mod bħala priorità immedjata mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Skeda Ċ

Regolamenti 7(2) u 8(1)

Speċifikazzjonijiet tal-Magħlaq għal Klieb

Magħlaq - ġenerali

(1) Kull magħlaq fl-akkomodazzjoni prinċipali u fl-oqsam ta' iżolament għandu jkollu tal-inqas spazju ta' 1.9 metru kwadru għall-irqad u minn tal-inqas qasam għall-eżerċizzju ta':

(a) 2.46 metru kwadru għal klieb sa 61 ċm għoli mill-ispalla; jew

(b) 3.34 metru kwadru għal klieb akbar.

(2) F'każ li jkun hemm aktar minn kelb wieħed f'magħlaq, l-ispazju minimu tal-magħlaq għandu jkun kif ġej:

Għoli tal-kelb	Spazju minimu kwadrat	Tul minimu tal-iqsar naħa	Għoli minimu tal-magħlaq
< 30 ċm	(1+N) x 1,0 m^2	1.0 m	2 m
30 - 50 ċm	(1+N) x 1,2 m^2	1.2 m	2 m
> 50 ċm	(1+N) x 1,5 m^2	1.2 m	2 m

(3) Kull magħlaq għandu jkollu għoli minimu ta' 2m biex l-persunal ikollu aċċess faċli għat-tindif tal-magħlaq. L-oqsma għandhom ikunu jinfetħu għal ġo kuriduri sikuri jew oqsma sikuri oħra biex il-klieb ma jkunux jistgħu jaħarbu mill-fond.

(4) Il-ħitan diviżorji bejn il-magħlaq għandu jkollhom kostruzzjoni solida sa għoli minimu ta' 1.2 m.

(5) Il-qiegħan tal-magħlaq għandhom jippermettu għal qlib ta' minn 0.5 sa 1 għal kull 80 li jagħti għal kanal baxx jew kanal fond tad-drenaġġ li jkun mgħotti. Il-qiegħan tal-magħlaq għandhom ikunu magħmula b'mod li jkunu jistgħu jitnaddfu faċilment, filwaqt li jippermettu li l-klieb jimxu u jiġru sew u sod mingħajr ma' jweġġgħu.

Qasam għall-irqad

(6) It-temperatura fil-qasam tal-irqad m'għandhiex tkun inqas minn 10°ċ ta' jew aktar minn 30°ċ. Għandu jkun hemm apparat f'kull magħlaq biex jaqra t-temperatura. F'każ li jkun hemm ċans li t-temperatura tinżel jew titla aktar mill-livelli stabbiliti, għandu jkun hemm mezzi biex jew isaħħnu jew ikessħu l-magħlaq.

Qasam għall-eżerċizzju

(7) Il-qasam għall-eżerċizzju għandu jkun separat mill-qasam għall-irqad u għandu jkun eskussivament iservi għal kull magħlaq biex jintuża b'mod ħieles mill-kelb jew klieb f'kull ħin ħlief bil-lejl. Dan il-qasam m'għandux jintuża bħala qasam għall-irqad.

(8) Il-qasam għall-eżerċizzju għandu jkun imsaqqaf, minn tal-inqas sa nofsu, biex il-klieb ikollhom protezzjoni biżżejjed kontra t-temp.

(9) Meta t-temp ma jkunx tajjeb, il-persuna responsabbli għandha tiddeċiedi jekk il-klieb għandhomx jiħallew b'mod ħieles fil-qasam tal-eżerċizzju tagħhom.